**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 118/2025 JVC**

**Rishat Tashbulatovich Akhmetov [K.I. Nru 0656421L] u Azida Adylzhanovna Abitova [K.I. Nru 0367424L], ghan-nom u in rapprezentanza ta' uliedhom minuri Aisha Ahmetova u Vasilia Akhmetov**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent Rishat Tashbulatovich Akhmetov noe et talab kif isegwi:

1. 'Illi l-konjugi Rishat Tashbulatovich Akhmetov u Azida Adylzhanovna Abitova, izzewgu gewwa l-pajjiz tal-Kyrgyzstan fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena 2010. Dan iz-zwieg gie registrat gewwa l-Ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan skont ma jirrizulta mill-att taz-zwieg bin-numru ta' registrazzjoni elfejn seba' mija u erbgha zbarra elfejn wiehed u ghoxrin (2704/2021), li qieghed jigi anness u mmarkat bhala document "**A**";

2. Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2012, twieldet gewwa tas-Sliema Malta, l-ewwel wild tal-konjugi bl-isem ta' Aisha Ahmetova, liema twelid gie registrat gewwa l-Ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni elf mitejn sitta u tletin zbarra elfejn u tnax (1236/2012), anness u mmarkat bhala dokument "**B**";

3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid ta' Aisha Ahmetova, taht il-kolonna Isem u Kunjom u post ta' twelid tal-missier, gie mnizzel "*Rishat Ahmetov*", mentri taht il-kolonna isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm, gie mnizzel "*Azida Abitova nee' Abitova wife of the said Rishat Ahmetov*";

4. Illi wara li kien hemm bdil fl-uzu tal-ittri bhala parti mil-lingwa tal-pajjiz tal-Kyrgyzstan, kull fejn ikun hemm l-uzu tal-ittra "*h*" gewwa kunjom, kellha tigi inserita quddiem l-ittra "*h*", l-ittra "*k*". Dan huwa evidenti mid-dokumenti ufficjali tal-missier Rishat Tashbulatovich Akhmetov, fejn qabel ma kien hemm l-imsemmija bidla, il-kunjom tieghu kien "*Ahmetov*", (vide certifikat tat-twelid ta' Aisha Ahmetova li huwa anness u mmarkat bhala dokument "**B",** kopja tal-karta tal-identita' Maltija antika ta' Rishat Tashbulatovich Akhmetov annessa u mmarkata bhala dokument "**C"**, l-ewwel pagna tal-insurance incident report tat-tnax (12) ta 'Dicembru 2012, anness u mmarkat bhala dokument "**D"**), mentri wara li sehhet il-bidla gewwa l-Kyrgyzstan, huwa thalla jbiddel il-kunjom u jinserixxi l-ittra "k" quddiem l-ittra "h" ghal "*Akhmetov*", minn fuq id-dokumenti ufficjali tieghu, kif evidenti mic-certifikat taz-zwieg, anness u mmarkat bhala dokument " **A",** mill-kopja tal-karta tal-identita Maltija annessa u mmarkata bhala dokument "**E**", u mill-kopja tal-passaport Malti, anness u mmarkat bhala dokument "**F**".

5. Illi minkejja li l-missier irnexxilu jaghmel il-bidla fil-kunjom tieghu sabiex minn "*Ahmetov*" ssir korrezzjoni ghal "*Akhmetov*", kif inhu rifless fid-dokumenti ufficjali tieghu, huwa ma setax jibdel il-kunjom ta' bintu Aisha Ahmetova, minn "*Ahmetova*", ghal "*Akhmetova*", sabiex il-kunjom jkun l-istess bhall-kunjom tal-missier, u l-kunjom ta' ohtha, u ghalhekk qed jigi ntavolat ir-rikors guramentat odjern;

6. Illi nhar il-hdax (11) ta' Ottubru 2023, twieldet gewwa l-Imsida, Malta, it-tieni wild tal-konjugi, bl-isem ta' Vasilia Akhmetov, liema twelid gie registrat gewwa l-Ufficju tar-Registru Pubbliku

ta' Malta, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni hamest elef, disa' mija u erbghin zbarra elfejn tlieta u ghoxrin (5940/2023), anness u mmarkat bhala dokument "**G**".

7. Illi meta l-missier Rishat Tashbulatovich Akhmetov mar sabiex jirregistra t-tieni wild tieghu Vasilia Akhmetov, u huwa ddikjara li l-kunjom tat-tifla ghandu jkun imnizzel bhala "Akhmetova", dan ma setax isir minhabba li gie nfurmat mill-Ufficju tar-Registru Pubbliku ta' Malta, li biex tigi nserita l-ittra "a" fit-tarf tal-kunjom tal-minuri, irid isir rikors gewwa l-Qorti, u li r-registrazzjoni ser ikollha ssir minghajr l-inserzjoni tal-ittra "a".

8. Illi fil-kultura tal-pajjiz tal-Kyrgyzstan, kull persuna femminili, jkollha z-zieda tal-ittra "a" fit-tarf tal-kunjom tal-familja. Dan huwa evidenti mill-kopja tac-certifikat tat-twelid tal-omm attrici nomine Azida Adylzhanovna Abitova, fejn mic-certifikat jidher li kunjom missierha huwa "*Abitov*", mentri l-kunjom taghha huwa "*Abitova*". Ic-certifikat tat-twelid tal-omm bit-translazzjoni tieghu, qed jigi anness u mmarkat bhala dokument "**H**". Din l-informazzjoni hija wkoll konfermata fic-certifikat taz-zwieg.

9. Illi l-inserzjoni tal-ittra "a" thalla jsir meta kienet qed issir ir-registrazzjoni tal-ewwel wild Aisha Ahmetova, kif evidenti mic-certifikat tat-twelid taghha (dokument "B"). Ghalhekk meta saret ir-registrazzjoni tat-tieni wild, ma kellu jkun hemm l-ebda problema li tigi inserita l-ittra "a" fit-tarf tal-kunjom, mill-Ufficju tar-Registru Pubbliku, u juzaw l-istess procedura li intuzat meta saret ir-registrazzjoni tal-ewwel wild Aisha Ahmetova. Kieku l-missier thalla jirregistra l-minuri bl-ittra "a" fit-tarf tal-kunjom, kienet tigi evitata l-kawza kif ukoll spejjez ulterjuri.

10. Illi dan ir-rikors qieghed jigi redatt u pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex isiru l-korrezzjonijiet opportuni fuq l-atti tal-minuri. Il-korrezzjonijiet mitluba huma kemm fl-interess privat tal-minuri li huma jkollhom sens ta' identita' bhal dik tal-familjari taghhom, kif ukoll interess pubbliku sabiex il-kunjom tal-minuri jkun jirrifletti dak tal-familja.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmiha, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru elf, mitejn, sitta u tletin zbarra elfejn u tnax (1236/2012), relattiv ghat-twelid tal-minuri Aisha Ahmetova huwa skorret fis-sens kif spjegat;

2. Konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta sabiex jaghmel id-debiti korrezjonijiet fl-att tat-twelid bin-numru elf, mitejn, sitta u tletin zbarra elfejn u tnax (1236/2012), relattiv ghat-twelid tal-minuri Aisha Ahmetova, billi l-kunjom indikat taht il-kolonna Isem il-Wild, fejn jinkorri l-kunjom "*Ahmetova*", jigi sostitwit bil-kunjom "*Akhmetova*", mentri kunjom il-missier taht il-kolonna Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier, fejn jinkorri l-kunjom "*Ahmetov*", jigi sostitwit bil-kunjom "*Akhmetov*";

3. Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru hamest elef, disa' mija u erbghin zbarra elfejn u tlieta u ghoxrin (5940/2023), relattiv ghat-twelid tal-minuri Vasilia Akhmetov, huwa skorret fis-sens kif spjegat;

4. Konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid bin-numru hamest elef, disa 'mija u erbghin  zbarra elfejn u tlieta u ghoxrin (5940/2023), relattiv ghat-twelid tal-minuri Vasilia Akhmetov, billi l-kunjom indikat taht il-kolonna Isem u kunjom il-wild, fejn jinkorri l-kunjom "*Akhmetov*", jigi sostitwit bil-kunjom "*Akhmetova*".

5. Tordna li l-istess korrezzjonijiet ghandhom isiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta, u dana ai termini tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, il-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku Malta u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ngunt.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

**3.** Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru progressiv **1236/2012** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1)**,** jidher illi **'Aisha Ahmetova'** twieldet ġewwa Malta nhar l-għaxra (10) ta' Marzu 2012, lil **'Rishat Ahmetov'** u **'Azida Abitova** ***wife of the said*** **Rishat Ahmetov'**, **fiż-żwieġ**, u

dan skont id-dikjarazzjoni magħmula mill-missier fil-mument tar-reġistrazzjoni. Liema dikjarazzjoni saret mingħajr bażi legali tant illi l-liġi in vigore ta' dak iż-żmien kienet tippermetti biss illi jiġi adottat kunjom il-missier kif rifless fuq l-Att tat-Twelid tiegħu, u mhux li jkun hemm tibdil fil-kunjom, hekk kif ġara f'dan il-każ u għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

4. Illi skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **5940/2023** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 2) jidher illi **'Vasilia Akhmetov'**, twieldet gewwa Malta nhar il-ħdax (11) t'Ottubru 2023, lil '**Rishat Tashbulatovich Akhmetov' u 'Azida Abitova', fiż-żwieġ**, u dana skont id-dikjarazzjoni li għamel missierha r-rikorrent fil-mument tar-reġistrazzjoni, kif ikkonfermat anke fuq id-dokument tan-notifika tat-twelid iffirmata minnu u l-kopji tad-dokumenti t'identifikazzjoni tal-omm. Għal kuntrarju ta dak li seħħ fir-reġistrazzjoni ta' oħtha 'Aisha', hija adottat il-kunjom **'Akhmetov'** peress illi l-missier jidher li kien diġà rreġistra l-Att tat-Twelid tiegħu ġewwa Malta bin-numru **6564/2021** kif ukoll l-Att taż-Żwieġ bin-numru **2704/2021** fejn ismu ġie ndikat bħala 'Rishat Tashbulatovich' u **kunjomu ġie ndikat bħala 'Akhmetov',** u għalhekk ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

5. Illi fir-rigward tat-**talbiet kollha**, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu, salv illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' taċċerta ruħha illi z-żewġ minuri għandhom u dejjem użaw il-kunjom **'Akhmetova'**, għandu jiġi preżentat il-passaport esteru tagħhom li jindika din il-verżjoni tal-kunjom, u magħdud ma

dan, id-dokumenti preżentati minnhom għandhom jilħqu l-livell tal-aħjar grad ta' prova f'għajnejn il-liġi;

6. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 38 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat il-verbal tal-lum.

Rat il-provi kollha fl-atti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi mid-dokumentazzjoni annessa kemm mar-rikors ġuramentat kif ukoll mar-risposta tad-Direttur intimat u mal-affidavits esebiti fl-atti, huwa minnu li hemm dokumentazzjoni li turi l-kunjom mod u dokumentazzjoni li turi l-kunjom mod ieħor fejn din tal-aħħar effettivament turih kif qed jintalab li jiġi korrett fir-rigward taż-żewġ minuri.

Illi mid-dokumentazzjoni kollha annessa l-Qorti tqis illi għandu jkun hemm il-korrezzjonijiet mitluba sabiex ulied ir-rikorrenti

jkunu jidhru li għandhom l-istess kunjom ukoll, kif jinkiteb bħal missierhom, salv l-ittra 'a' fuq wara li tiżdied meta jkunu ulied bniet.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

4. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

6. Tilqa' l-ħames talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

7. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**8.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' April 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**15 ta' April 2025**